Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 216 :: MEJJU 2014

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Għalkemm kellna laqgħa nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, minħabba li l-aħħar Ġimgħa t'April kienet l-*Anzac Day*, il-laqgħa li tmiss, se ssir nhar il-Ġimgħa, **30 ta' Mejju, 2014,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqa naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## IL-LAQGĦA TA' MARZU

Fil-laqgħa ta' Marzu attendew 12-il membru. Kienet laqgħa fejn ħafna mill-membri qraw xi xogħol tagħhom jew xogħol ta' kittieba oħra Maltin. Wara kien hemm kikkra te jew kafe` u xi kejks. Fir-ritratt, wara, mix-xellug għal-lemin: Michael Xuereb, Dr Victor Sammut, Charles Attard, Alfred Xuereb, Raymond Anastasi u Paul Vella. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin: Frank Bonett, Joe Camilleri, Salvina Vella, Joe Bonett, Rosemary Attard u Marie Louise Anastasi.



## POEŻIJA GĦAL "PHILIP"

Kif kont għidtilkom fil-Folju t'April, waqt il-BBQ tal-Grupp, inqrat poeżija minn Manwel Cassar, miktuba minn Imelda Seracino Inglott, li hija kitbet għall-okkażjoni tal-funeral ta' binha, Philip, li kienet nqrat waqt il-funeral. Imelda tiġi oħt il-membru tagħna, Fredu Cachia, u naturalment, Philip jiġi in-neputi tiegħu.
Din hija l-poeżija

### This is Philip

"A delicious meal
Is Poetry for me", said Philip to me.
Isn't this Philosophy?
"Eat and drink, this is My Body
And you'll live eternal life.
When you share a meal
Remember me for I'll be
With you eternally", said the Lord.
My Philip, blood of my blood
You are engraved in my heart.
You shared many meals with friends
You'll always be in their minds.
Go forth now to share your food
A guest in your Lord's Banquet.
He'll anoint you with perfumed oil
And show you His green pastures.
Break the Bread and drink His wine
Put forth the unsolved philosophy you left behind,
To The Mastermind.
He can unwind all philosophy knots
All questions started and resolved in Him.
Let Him show you His inner chambers
And help you build a Robot like you
Used to do with uncle Lor.
A robot not of wood but made
Of matter and energy,
The sources He used to create the world.
Share with Him some jokes
With your loud strong voice.
Perhaps from down here we hear you too,
And we'll be happy in this vale of problems.
Let your smile and your boisterous laughter
Stay with us forever Philip.

***Your Mum*** (Imelda Seracino Inglott)




# DIJASPORI

Fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, *Horizons Publications* se jippubblika rumanz ġdid biex hi wkoll tagħti s-sehem tagħha fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan l-avveniment importanti fl-istorja politika u soċjali ta' Malta. *Dijaspori* huwa rumanz ieħor ta' Salv Sammut li hu magħruf għar-rumanzi b'tema soċjali bħal *Staqsi lir-Riħ, Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar, L-Altruwista* u kotba tal-poeżija.

Ir-rumanz jurina l-kunflitt li jinħoloq bejn tfajla u missierha li kellhom opinjonijiet differenti dwar is-sħubija ta' pajjiżhom fl-Unjoni Ewropea. Il-ġrajja ta' poeta Slovakk fis-snin ta' qabel u wara l-invażjoni Sovjetika f'dik li qabel kienet iċ-Ċekoslovakkja. It-tielet protogonista huwa uffiċjal għoli fi Trade Union prominenti Maltija li jħossu fin-nofs jitqabad id-dijaspora ġewwenija tiegħu bejn il-lealtà tal-pożizzjoni li jkollu u t-twemmin tiegħu.

Matul ir-rumanz, il-qarrej jerġa' jgħix mill-ġdid il-ġrajjiet, l-emozzjonijiet u l-ambjent soċjali tal-ħajja Maltija ta' għaxar snin ilu fejn żewġ kurrenti kbar, opposti għall-aħħar għal xulxin, ħadmu kemm felħu u tefgħu l-enerġija kollha tagħhom biex ifissru lill-poplu Malti t-twemmin li jħaddnu u dak kollu li emmnu fih b'konvinzjoni ġenwina.

*Grazzi lil Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif.*

# ĊIKKU, il-bidwi malti — *Rumanz ieħor ta' Paul P. Borg*




Rumanz ġdid ta' Paul P. Borg, kitba miżjuda u riveduta tal-pubblikazzjoni oriġinali li kienet rebħet l-ewwel post bħala l-aħjar rumanz fl-1999 fil-Premju Letterarju tal-Ktieb.

Filgħodu tal-Ħamis 13 ta' Ġunju 1963, il-festa ta' *Corpus Christi*, waqt li l-qniepen ixandru l-festa tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu, Alla l-Ħaj, bidwi jbattal xkubetta mimlija ċomb jaħraq fil-ġisem ta' bidwi ieħor. Bidwi joqtol bidwi ieħor fis-saħna tad-demm fit-toroq qodma tal-Mosta. Waqt li l-qattiel żagħżugħ jara 'l sieħbu mgħargħar f'demmu, taqbiżlu bl-ikrah, jibqa' jisparalu u jkisser il-kanna fuq ras il-moribond u fuq il-ħajt.

Franġisku Fenech imlaqqam Ta' Vanġiela, li ħalla dan il-wied tad-dmugħ xi xhur ilu, kien qatel bidwi ieħor minħabba tilwim li nqala' bejniethom fuq bejgħ tal-art. Il-qattiel imbagħad jaħrab lejn l-irdumijiet imċappas kollu demm. Malta kollha tqum bi ħġarha b'dak li ġara. Kemm il-qattiel, kif ukoll il-maqtul kienu vittma ta' dak it-tilwim bejniet il-bdiewa.

Paul P. Borg jislet minn dan kollu, minn dak li rrakkonta l-qattiel stess kif ukoll minn dak kollu li rrakkuntawlu ħafna bdiewa oħrajn, ġrajja mimlija intriċċi fir-rumanz li għadu kif ġie ppubblikat fi ktieb, ***Ċikku, il-bidwi malti***. Dan hu rumanz dwar il-ħajja tal-bidwi qadim Malti u r-rabta tiegħu mal-art li jaħdem. Dan hu edizzjoni ġdida u riveduta tar-rumanz oriġinali ***Ċikku Fenech, il-qtil, il-ħarba, il-bidwi tal-1998***.

Minkejja li l-ktieb mhux bijografija tal-protagonist, l-awtur jiġbor xi ġrajjiet tiegħu kif ukoll ġrajjiet ta' bdiewa oħrajn biex joħloq ġrajja mexxejja mimlija avventuri imsejsin fuq il-fehmiet tal-bidwi qadim Malti. L-awtur isostni li għalkemm hu kiteb dwar delitt, qtil, tixrid ta' demm, ġlied u kriminalità, ma jfissirx li l-kitba qed tigglorifika l-vjolenza. Ir-realtà hi li hi u dik li jagħmilha l-bniedem. Il-ġrajja tal-ġlied u l-qtil bejn il-bniedem hi qadima daqs l-istess bniedem u l-awtur jużaha ukoll biex jillustra l-karattru tal-bidwi arketip tal-ġens Malti. Bidwi twajjeb u ġwejjed, imma jaf ikun sod qawwi. Bniedem li jħobb l-art u l-ambjent, imma jaf jeqred il-ħolqien u jsarrfu wkoll fi flus meta jrid. Għalhekk lil Ċikku narawh qalb l-irdumijiet u x-xagħri, jaħrab mill-qilla tal-ġustizzja, qawwi u beżgħan. L-awtur jirrakkonta kif Ċikku jsir iħobb mara u jixtieq mara, iżda wkoll mgħaddas sewwa f'ħajja ta' perikli kemm Malta kif ukoll meta kien l-Awstralja. Naraw ukoll il-bidwi Malti, li jaf ikun kemm beżżiegħ kif ukoll qattiel bla skrupli li meta taqbiżlu xejn ma jkun jista' jżommu.

Paul P. Borg jissellef il-ġrajjiet tal-bdiewa, l-għajdut qadim Malti biex ikun jista' jimragħ sewwa fil-fond tal-ħajja u tal-karattru tal-bidwi qadim Malti. Il-ġrajja li joħloq hi għalhekk xhieda tar-rabta intima tal-bniedem mal-ħamrija. Ir-rumanz Ċikku, il-bidwi malti jirrakkonta ġrajja ta' avventura, intriċċi u twegħir li turi l-qawwa tal-bidwi qadim Malti. Matul il-ġrajja Borg jimragħ ukoll fit-trobbija tal-bidwi, iżejjen ir-rakkont b'avventuri attribwiti lill-ħajja tal-protagonist, Ċikku Fenech Ta' Vanġiela bħala l-bidwi tfajjel kampanjol.

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# "L-ESPERANTO"



Din hi t-tielet edizzjoni tal-ktieb *'L-Esperanto'* li l-awtur Karmenu Mallia kiteb snin ilu. L-ewwel tnejn kienu f'forma ttajpjata, mentri dan hu stampat għand Bonnici's Press, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta. Fih 92pp, hu editjat u ssettjat mill-awtur innifsu u ppubblikat mill-*Malta Esperanto-Societo.* Barra minn żewġ daħliet tal-awtur, Dr Karmenu Mallia, president, u oħra mis-segretarju tas-Soċjeta` tal-Esperanto f'Malta, il-ktieb hu maqsum fi ħdax-il lezzjoni u vokabularju mill-Malti għall-Esperanto u mill-Esperanto għall-Malti. Barra minn dan, il-ktieb fih ukoll it-traduzzjonijiet ta-taħriġ ta' kull lezzjoni. Il-qoxra turi l-monument tal-awtur tal-Esperanto, it-Tabib Ludvik Lazarus Zamenhof, li s-Soċjeta`kienet waqqfet fil-Yacht Marina, l-Imsida, fl-1990.
Min jixtieq aktar tagħrif tas-Soċjeta' f'Malta jista jikklikkja fuq : esperantomalta.org u min jixtieq xi tagħrif ieħor jista' juża: esperantomalta@gmail.com

# SERATA MUŻIKO-LETTERARJA GĦALL-ĠIMGĦA MQADDSA

Wara li kienu ntlaqgħu ferm tajjeb iż-żewġ serati mużiko-letterarji, waħda fuq il-Milied u l-oħra dwar il-Karnival, li kienu saru fil-Librerija Nazzjonali ta' Triq Vajrinġa r-Rabat Għawdex, issa saret serata oħra simili nhar it-Tnejn 14 ta' April, 2014, fl-ewwel jum tal-Ġimgħa Mqaddsa fl-istess librerija, fis-7.30pm li għaliha kien mistieden kulħadd. Matul is-serata li ħadet madwar siegħa u nofs, għadd ta' kittieba Għawdxin ġew mistiedna biex jieħdu sehem u jaqraw xogħlijiet marbutin mal-Passjoni u l-Mewt tal-Imgħallem Divin tagħna Gesu' Kristu. Ħafna kienu dawk il-kittieba Maltin u Għawdxin li kitbu dwar it-tbatija u ż-żeblieħ li għadda minnhom l-Iben t'Alla biex jifdi lill-umanita` mill-jasar tad-dnub. Is-serata kienet imżewqa wkoll b'kant ta' mużika sagra mill-kor tat-tfal 'Piccole Stelle' taħt id-direzzjoni tal-fundatriċi u għalliema tagħhom Mariella Cefai Spiteri kif ukoll bis-sehem ta' Josephine Marie Grima u tas-sopran Rosabelle Pavia. Fi tmiem is-serata dawk li kienu preżenti kellhom ukoll l-opportunita` li jduqu l-kwareżimal inkella xi biċċa kagħka tal-Appostli.

***Kav. Joe M Attard*** emarjos@hotmail.com

# L-EWWEL EDIZZJONI TAL-FESTIVAL TAL-KTIEB

L-Għaqda tal-Malti – Università organizzat l-ewwel edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb ġewwa l-Università, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Festival ittella' bejn it-28 u t-30 ta' April.
Għal dan il-Festival kien hemm diversi *stands* ta' għadd ta' pubblikaturi u distributuri ewlenin, fosthom Sierra Book Distributors, Horizons, Faraxa Books, Sensiela Kotba Soċjalisti, Bronk Productions, u Agius and Agius. Kien hemm ukoll kotba ta' pubblikaturi oħra, filwaqt li fi *stand* minnhom kien hemm il-preżenza tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Barra minn hekk, kien hemm attivitajiet f'ħinijiet u f'partijiet differenti tal-*Quad*. bil-parteċipazzjoni ta' diversi kittieba stabbiliti, kritiċi distinti u studenti:
**Is-Sesswalità fil-letteratura Maltija:** taħdita dwar is-sesswalità fil-letteratura Maltija, bil-parteċipazzjoni ta' Trevor Żahra, Immanuel Mifsud, Sean Buhagiar, u Aleks Farrugia, fost l-oħrajn.
**Fight Club:** film b'sottotitli bil-Malti, tradotti minn Simon Cassar bil-għajnuna tal-Prof. Toni Aquilina.
**Transessjoni:** qari u diskussjoni mill-parteċipanti ta' Taħżiż2, programm ta' kitba kreattiva.
**…ħsieb il-ktieb:** taħdita dwar kif tieħu ħsieb u torganizza l-librerija personali tiegħek.
**Aqrali, Qaltli:** sessjoni oħra ta' qari minn Immanuel Mifsud. Din id-darba se jkun qed jaqra l-ktieb *Fl-Isem tal-Missier(u tal-Iben).*
**Addattament għall-mużika** minn Danjeli ta' diversi siltiet minn *Leħen il-Malti* (għadd 32).

# RUMANZ ĠDID GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Id-dar editriċi PUBBLIKAZZJONI PRECA għadha kemm nediet rumanz ġdid għaż-żgħażagħ bl-isem "Il-Polz li Baqa' Jħabbat". Il-ktieb huwa xogħol interessanti tal-awtur żagħżugħ Bertram Portelli li f'dan ir-rumanz jittratta l-problema tat-tbatija. Il-ġrajja ddur mal-karattru ewlieni, Gabriel, li wasal biex jiggradwa mill-Università bħala inġinier. Jiltaqa' wkoll ma' tfajla li tħobbu u kollox jidher sejjer tajjeb. Iżda mbagħad, f'daqqa waħda, jqumu kontrih l-irwiefen kollha u jibda jinqalagħlu għawġ wara l-ieħor. F'dan ix-xenarju titfaċċa l-mistoqsija: għaliex it-tajjeb ibati u l-ħażin jgħaddiha lixxa? Għaliex il-ħajja hi ħafna drabi kiefra mat-tajjeb u twajba mal-kattiv? Il-polz tal-protagonista jibda jbatti imma, għalkemm bi tbatija, jidher li se jkompli jħabbat… Il-ktieb għandu qoxra attraenti u jkopri 220 paġna. Fuq kollox hu mogħni wkoll b'daħla kritika mill-Professur Oliver Friggieri. Jinsab għall-bejgħ mil-Librerija Preca u mill-ħwienet ewlenin bil-prezz ta' 8 ewro.
*Grazzi lis-Sur Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif*

## *Ittri li nirċievu . . .*

Għażiż Paul, Prosit mill-ġdid u grazzi ħafna għall-ħarġa ġdida tal-Folju. Hi pubblikazzjoni interessanti u siewja tassew. Inselli għalik ħafna u nawguralek ħafna aktar ħidma.

***Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju Grupp Letteratura Maltija-April 2014. Dejjem hu folju mġedded, frisk daqs werqa niedja ħadrana, ħajja u sabiħa. Prosit Paul u Viva l-Ilsien tagħna.
B'Imħabba, ***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Nixtieq ngħidlek GRAZZI kbira għal dan l-artiklu li inti ddedikajtilna fl-ewwel paġna tal-folju tiegħek. Tassew kien fih artikli sbieħ ta' dan ix-xahar u fraħt ħafna naqra dwar il-bijografija ta' Mikiel Anton Vassalli li tiegħu ser issir reċta t-teatru Manoel, Valletta dan ix-xahar stess. Inselli ħafna għalik u għall-membri tal-grupp tal-letteratura.

***Amanda Busuttil***

X'hemm Paul, Grazzi tat-tagħrif li twassalli minn żmien għal żmien. Hu dejjem pjaċir tiegħi nieħu aħbar tal-ħidma tagħkom għall-Ilsien Malti barra minn Malta. Nifraħ mhux ftit għax ngħid bejni u bejn ruħi, dawn Maltin li aktar iħossuhom kburin bl-Ilsien tagħna minkejja li jinsabu 'l bogħod minn arthom, aktar kburin minn uħud hawn Malta li jaħasra ma jagħtux ħafna kont tiegħu - anzi jużawh ħażin jew ma jużawh xejn! Niżżu ħajr 'l Alla, madankollu; hemm ħafna u ħafna żgħażagħ li huma mikrumin għal-letteratura tagħna u qed jiktbu wkoll b'Malti mill-isbaħ! Qiegħed ngħaddilek xi tagħrif dwar rumanz ġdid li għadni kif ippubblikajt dal-jiem, dejjem bit-tama li nsib il-possibiltà li ngħaddilkom kopja tiegħu. Jidhirli darba kont tlabtek tgħidli jkunx hawn xi Malti tiela' lura biex inkun nista' ngħaddilu xi kopji tal-kotba tiegħi biex jitwasslu fil-librerji tagħkom. Ikun pjaċir kbir tiegħi. Nieħu l-okkażjoni nwassal lilek, lill-għeżież tiegħek u lil ħbiebek awguri sinċieri għal Għid mimli hena u saħħa u fuq kollox, sliem fil-qalb!
Ħabibek, ***Paul P. Borg***